MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 3/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Khalifa Iswesi K. Shawish**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Khalifa Iswesi K. Shawish, ta' tletin sena, bin Iswesi u Misquda Omar el Hallek, imwieled Tripoli fl-20 ta' Lulju 1977 u detentur ta' passaport Libiku 287535W talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru 2008 u matul it-tliet gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer (**1**) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-ligi, (**2**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-ligi, u (**3**) ikkommetta l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-

perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Khalifa Iswesi K. Shawish hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (proprjament, kif tajjeb irrilevat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, bl-aggravju li hu ndikat bhala t-tielet imputazzjoni) u kkundannatu disa' xhur prigunerija kif ukoll multa ta' hames mija u disghin euro (€590), pagabbli fi zmien erba' xhur mid-data ta' dik is-sentenza u fin-nuqqas konvertibbli f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux imhallsa; dik il-qorti kkundannatu wkoll ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal erba' mija u sitta u disghin euro u disghin centezmu (€496.90), pagabbli fi zmien xahar minn meta r-registratur jibghat il-kont, u fin-nuqqas ta' pagament konvertibbli fi prigunerija bl-istess rata ta' jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux imhallsa;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Khalifa Iswesi K. Shawish, minnu pprezentat fid-19 ta' Jannar 2009, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-aggravji huma prezentati b'mod pjuttost ingarbuljat, din il-Qorti tifhem li effettivament l-appellant qed jilmenta kemm fuq is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena. Kwantu ghas-sejbien ta' htija huwa jikkontendi, bazikament, illi hu ma kien involut b'ebda mod bhala *middleman* fil-bejgh li sar bejn certu Abubaker u student Spanjol Alejo Aguila de Sandoval. Jghid li hu ma kellu ebda interess fin-negozju li sehh bejn dawn it-tnejn, u li anqas gie ppruvat l-element formali tar-reat, cioe` ma giex ippruvat li huwa kellu l-*mens rea* rikjesta skond il-ligi.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi akkuratament, tara li dan l-aggravju huwa fieragh. Mill-provi, senjatament id-

deposizzjonijiet ta’ Mohammed Suleiman Abubaker u ta’ Alejo Aguila de Sandoval, jirrizulta abbundantement car li l-appellant, meta kien jaf li Abubaker kellu d-droga ghall-bejgh, indirizza liz-zaghzugh Spanjol lejn l-istess Abubaker wara li kien staqsieh jekk riedx haxixa u l-iSpanjol wiegeb fl-affermattiv. Anke li kieku kien il-kaz – u dan qed jinghad ghall-grazzja ta’ l-argument biss, ghax fuq dan il-punt din il-Qorti ma temminx lill-appellant – li dak li gara kien li kien l-iSpanjol li mar fuq l-appellant u staqsieh ghad-droga u dan, biex jehles minnu, baghtu ghand Abubaker, xorta wahda jikkonfigura r-reat ta’ traffikar f’medicina perikoluza. Kif korrettement osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, id-definizzjoni ta’ traffikar tinkludi “l-ghoti ta’ informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta’ tali medicina bi ksur ta’ din l-Ordinanza”. Il-ligi ma tiddistingwix jekk min ikun ta din l-informazzjoni ikunx ha l-inizjattiva hu, jew jekk l-inizjattiva tkunx giet mix-xerrej prospettiv, jew addirittura jekk ix-xerrej prospettiv ikunx insista jew dejjaq, fis-sens li iffitta, lil dak li jkun biex jghidlu minn fejn jikseb id-droga. Kullma hu rikjest, mill-lat ta’ element formali, hu l-konsapevolezza li persuna qed tinghata informazzjoni bl-iskop li dik il-persuna tkun tista’ tixtri d-droga. Fi kliem l-ewwel qorti: “Il-*mens rea* rikjesta fir-reat xorta tibqa’ prezenti galadarba konxjament idderigiet in-nies ghand min jista’ jfornihom bid-droga”. Ghalhekk dana l-aggravju hu manifestament infondat.

Kwantu ghall-piena l-appellant jilmenta mill-fatt li Abubaker inghata piena ta’ sitt xhur prigunerija mentri hu nghata disgha. Dan l-aggravju wkoll huwa wiehed altament fieragh. Din il-Qorti ghandha quddiemha l-kaz ta’ l-appellant u ta’ l-appellant biss. X’kienu c-cirkostanzi li wasslu lill-ewwel qorti biex taghti piena anqas – u, ghandu jinghad, ftit anqas – lil Abubaker, huwa fatt li ftit li xejn jista’ jkun ta’ ghajnuna ghall-appellant. Il-piena li nghata l-appellant kienet entro l-parametri tal-ligi u perfettament gustifikata fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li l-appell kollu kemm hu huwa wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (2) tal-

Artikolu 429 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' Euro 232.93 (mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu), konvertibbli f'ghoxrin jum detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------